MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 224/2012

**AB C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu hawn Malta fit-23 ta' Ottubru 2010, u minn liema ghaqda ma' kienx hemm tfal;

2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat li l-konvenut gie notifikat izda ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-provi imressqa mill-attrici.

Rat li fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

L-attrici tat ix-xhieda taghha bl-affidavit. Fix-xhieda taghha l-attrici tispjega li hija kienet iltaqet mal-konvenut f'restaurant f'San Giljan u damu madwar xahar jiltaqghu sakemm il-konvenut gie deportat minn Malta ghax ma kellux visa biex joqghod hawn Malta.

F'Awwissu tas-sena 2010 hija marret fil-pajjiz ta' origini tal-konvenut u iltaqghet mal-familja tieghu. Kemm damet hemm hadet l-engagement minghajr ma kienet qalet il-familja taghha. Meta giet lura u qaltilhom il-genituri taghha haduwha bi kbira hafna stante li dan il-persuna lanqas biss kienu ghadhom qatt iltaqghu mieghu. Il-partijiet iddeciedew li jizzewgu bir-rit musulman gewwa l-pajjiz ta' origini tal-konvenut.. Dan sehh f'Ottubru tal-istess sena meta kontra qalbhom telghu maghha il-

genituri tal-attrici. F'Jannar 2011 il-partijiet gew joqghodu Malta.

Appena gew lura Malta il-konvenut inbidel:

Nispjega li konna inkunu intimi flimkien izda qatt ma kellna tfal peress li ma' konniex tkellimna fuq familja. F'daqqa wahda rajt bdil kbir fih u huwa beda regolarment jerfa idu fuqi. Kien johrog Paceville u jdum sas-sieghat bikrin ta' filghodu meta kien jirritorna d-dar fis-sakra. Niftakar ukoll li mhux l-ewwel darba li kien raqad gewwa xi lukanda hemm peress li darba sibt ricevuta tal-Hotel Tropicana f'Paceville. Zewgi naf li kien hadli l-flus biex imur jilghab il-Casino, u anke kont sibt trab abjad fil- karozza, tant li jiena mort ghand l-Avukat Edward Gatt dwar dan li kien minn naha tieghu ha parir minghand certu Supt. Norbert Ciappara. Bdejt ninduna li jiena ma' kont infisser xejn ghal zewgi, tant li kelli diversi rapport mal-pulizija u anke sirt naf li zewgi beda johrog ma' mara ohra b'mod regolari. Kien minhabba f'hekk li jiena fhimt li z- zwieg tieghi kien ma' jiwa xejn u li l-uniku hsieb li kellu l-konvenut kien biex jinqeda bija sabiex ikun jista' jibda jghix hawn Malta ma' huh. Ghal dan il-ghan jiena nikkontendi li z-zwieg tieghi huwa null u bla effett fil-ligi.

Xehed ukoll missier l-attrici li essenzjalment ikkorobora ix-xhieda tal-attrici.

Ikkonsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fl-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) u fl-artikolu 19ª tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju

ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Artikolu 2 fil-Kodici Civili taht it-titolu "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jipprovdi illi:

"(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti il-komportament tal-konvenut appena izzewweg lill-attrici juri bic-car li l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-mizzewgin. M'hemmx dubju li l-iskop li kellu l-konvenut ma kienx li jizzewweg lill-attrici u maghha jifforma familja izda li jottjeni l-permessi necessarji sabiex ikun jista' jigi Malta u jirrisjedi hawn wara li kien gie mkecci minn Malta precedentement. Tant dan hu minnu illi appena ottjena l-permess li jigi Malta beda jimmaltratta lill-attrici, kellu relazzjoni ma' mara ohra u jghix hajja bla razan 'il boghod mid-dar matrimonjali. Ghalhekk il-konvenut kien eskluda fil-kunsens tieghu ghaz-zwieg elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici b’dan illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg kkuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta’ Ottubru 2010 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (f). tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------